ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2200

tas-17 ta' Diċembru 2020

dwar l-estensjoni tal-perjodi għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal ċerti inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej skont ir-Regolament (UE) 2020/1042 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2020) 9226)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/1042 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jistabbilixxi miżuri temporanji dwar il-limiti ta' żmien għall-istadji tal-ġbir, tal-verifika u tal-eżami previsti fir-Regolament (UE) 2019/788 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej stabbilit bl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2020/1042 jistabbilixxi miżuri temporanji fir-rigward tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej biex jiġu indirizzati l-isfidi li l-organizzaturi tal-inizjattivi taċ-ċittadini, l-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ffaċċjaw wara li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ħabbret f'Marzu 2020 li t-tifqigħa tal-COVID-19 kienet saret pandemija dinjija. Fix-xhur ta' wara din id-dikjarazzjoni, l-Istati Membri adottaw miżuri restrittivi kontra l-kriżi tas-saħħa pubblika. B'riżultat ta' dan, il-ħajja pubblika waqfet fi kważi l-Istati Membri kollha. Ir-Regolament għalhekk estenda ċerti limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(2) Ir-Regolament (UE) 2020/1042 jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni biex testendi ulterjorment il-perjodi ta' ġbir bi tliet xhur fir-rigward tal-inizjattivi li għalihom il-perjodu ta' ġbir ikun għadu għaddej fil-mument ta' tifqigħa ġdida tal-COVID-19 f'ċerti ċirkostanzi. Il-kundizzjonijiet għal kwalunkwe estensjoni ulterjuri huma simili għal dawk li wasslu għall-estensjoni inizjali wara t-tifqigħa tal-COVID-19 f'Marzu 2020, jiġifieri li mill-inqas kwart tal-Istati Membri jew għadd ta' Stati Membri li jirrappreżentaw aktar minn 35 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni japplikaw miżuri b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19, li jxekklu b'mod sostanzjali l-abbiltà tal-organizzaturi li jiġbru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'forma stampata u li jinfurmaw lill-pubbliku dwar l-inizjattivi li għaddejjin tagħhom.

(3) Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1042 f'Lulju 2020, il-Kummissjoni ilha tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni fl-Istati Membri. Iż-żieda sinifikanti fl-inċidenza tal-COVID-19 madwar l-Unjoni f'Ottubru 2020 wasslet għal tisħiħ tal-miżuri restrittivi f'għadd dejjem jikber ta' Stati Membri. Sa tmiem Ottubru 2020, il-miżuri li jirrestringu ċ-ċirkolazzjoni libera taċ-ċittadini fi Stati Membri differenti sabiex titwaqqaf jew titnaqqas it-trażmissjoni tal-COVID-19 kienu żdiedu b'mod sinifikanti.

(4) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għal estensjoni ulterjuri tal-perjodi ta' ġbir ġew issodisfati fl-1 ta' Novembru 2020. Minn dik id-data, erba' Stati Membri kienu rrappurtaw li kienu qed japplikaw miżuri nazzjonali ta' konfinament, li jipprojbixxu jew jirrestringu sostanzjalment il-libertà taċ-ċittadini li jiċċaqilqu liberament fit-territorju tagħhom. Barra minn hekk, disa' Stati Membri kienu rrappurtaw li, filwaqt li ma applikawx miżuri nazzjonali ta' konfinament, kienu qed japplikaw miżuri b'effetti restrittivi simili fuq il-ħajja pubblika f'pajjiżhom jew mill-inqas partijiet sostanzjali minnha. Dawk il-miżuri jaffettwaw ukoll b'mod sostanzjali l-kapaċità tal-organizzaturi li jiġbru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'forma stampata u li jinfurmaw lill-pubbliku dwar l-inizjattivi kontinwi tagħhom. Dawk l-effetti negattivi huma r-riżultat ta' taħlita ta' miżuri restrittivi,

([1]) ĠU L 231, 17.7.2020, p. 7.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55).

inklużi miżuri ta' konfinament lokali, restrizzjonijiet fuq l-aċċessibbiltà ta' spazji pubbliċi, l-għeluq jew il-ftuħ limitat ta' ħwienet, ristoranti u pubs, restrizzjonijiet ta' kapaċità qawwija fuq laqgħat u laqgħat pubbliċi u privati u l-impożizzjoni ta' curfews. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli bħalissa, dawk il-miżuri, jew miżuri b'effett simili, x'aktarx li jkunu fis-seħħ għal perjodu ta' mill-inqas tliet xhur.

(5) L-Istati Membri kkonċernati jirrappreżentaw mill-inqas kwart tal-Istati Membri, u aktar minn 35 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.

(6) Għal dawk ir-raġunijiet, jista' jiġi konkluż li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' estensjoni tal-perjodi ta' ġbir huma ssodisfati fir-rigward ta' inizjattivi li għalihom il-perjodu ta' ġbir kien għadu għaddej fl-1 ta' Novembru 2020. Dawk il-perjodi ta' ġbir għandhom għalhekk jiġu estiżi bi 3 xhur.

(7) Għal inizjattivi li għalihom il-perjodu ta' ġbir beda bejn l-1 ta' Novembru 2020 u d-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-perjodu ta' ġbir għandu jiġi estiż sal-1 ta' Frar 2022.

(8) Fir-rigward ta' inizjattivi li għalihom il-perjodu ta' ġbir intemm bejn l-1 ta' Novembru 2020 u d-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, din id-Deċiżjoni għandha tapplika b'mod retroattiv.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Fejn il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ("inizjattiva") kien għadu għaddej fl-1 ta' Novembru 2020, il-perjodu massimu ta' ġbir għandu jiġi estiż għal perjodu ta' tliet xhur fir-rigward ta' dik l-inizjattiva.

2. Fejn il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizjattiva jkun beda bejn l-1 ta' Novembru 2020 u s-17 ta' Diċembru 2020, il-perjodu ta' ġbir għandu jiġi estiż sal-1 ta' Frar 2022 fir-rigward ta' dik l-inizjattiva.

Artikolu 2

Id-dati l-ġodda tat-tmiem tal-perijodi ta' ġbir għall-inizjattivi li ġejjin għandhom ikunu kif ġej:

— l-inizjattiva intitolata "Is-soluzzjoni rapida, ġusta u effettiva għat-tibdil fil-klima": Is-6 ta' Frar 2021;

— l-inizjattiva intitolata "Politika ta' koeżjoni għall-ugwaljanza bejn ir-reġjuni u għas-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali": Is-7 ta' Frar 2021;

— l-inizjattiva intitolata "Intemmu l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-fjuwil tal-avjazzjoni fl-Ewropa": L-10 ta' Frar 2021;

— l-inizjattiva intitolata "Prezz għall-karbonju fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima": It-22 ta' April 2021;

— l-inizjattiva intitolata "Inkabbru l-progress xjentifiku: l-għelejjel huma importanti!": Il-25 ta' April 2021;

— l-inizjattiva intitolata "Inwaqqfu l-korruzzjoni fl-Ewropa mill-għeruq tagħha, billi naqtgħu l-fondi għall-pajjiżi b'ġudikatura ineffiċjenti wara l-iskadenza": It-12 ta' Ġunju 2021;

— l-inizjattiva intitolata "Azzjonijiet dwar l-Emerġenza Klimatika": It-23 ta' Ġunju 2021;

— l-inizjattiva intitolata "Insalvaw lin-Natal u lill-bdiewa! Lejn agrikoltura favur in-natal għal ambjent b'saħħtu": It-30 ta' Ġunju 2021;

— l-inizjattiva intitolata "Inwaqqfu t-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar — Inwaqqfu l-kummerċ": Il-31 ta' Ottubru 2021;

— L-inizjattiva intitolata "VOTATURI MINGĦAJR FRUNTIERI, Drittijiet Politiċi Sħaħ għaċ-ċittadini tal-UE": Il-11 ta' Diċembru 2021;

— l-inizjattiva intitolata "Bidu tal-Introjtu Bażiku Inkondizzjonat (UBI) madwar l-UE": Il-25 ta' Diċembru 2021;

— l-inizjattiva intitolata "Libertà di condividere": L-1 ta' Frar 2022;

— l-inizjattiva intitolata "Dritt għal Kura": L-1 ta' Frar 2022.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett retroattiv fir-rigward tal-inizjattivi li l-perijodu ta' żbir tagħhom intemm bejn l-1 ta' Novembru 2020 u d-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil:

— il-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva intitolata "Is-soluzzjoni rapida, ġusta u effettiva għat-tibdil fil-klima";

— il-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva intitolata "Politika ta' koeżjoni għall-ugwaljanza bejn ir-reġjuni u għas-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali";

— il-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva intitolata "Intemmu l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-fjuwil tal-avjazzjoni fl-Ewropa";

— il-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva intitolata "Prezz għall-karbonju fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima";

— il-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva intitolata "Inkabbru l-progress xjentifiku: l-għelejjel huma importanti!";

— il-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva intitolata "Inwaqqfu l-korruzzjoni fl-Ewropa mill-għeruq tagħha, billi naqtgħu l-fondi għall-pajjiżi b'ġudikatura ineffiċjenti wara l-iskadenza";

— il-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva intitolata "Azzjonijiet dwar l-Emerġenza Klimatika";

— il-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva intitolata "Insalvaw lin-Naħal u lill-bdiewa! Lejn agrikoltura favur in-naħal għal ambjent b'saħħtu";

— il-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva intitolata "Inwaqqfu t-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar — Inwaqqfu l-kummerċ";

— il-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva intitolata "VOTATURI MINGĦAJR FRUNTIERI, Drittijiet Politiċi Sħaħ għaċ-ċittadini tal-UE";

— il-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva intitolata "Bidu tal-Introjtu Bażiku Inkondizzjonat (UBI) madwar l-UE";

— il-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva intitolata "Libertà di condividere";

— il-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva intitolata "Dritt għal Kura"

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Věra JOUROVÁ
Viċi President